# Il-Ħadd 04.11.2018

1. Illum, 4/11:-
   - Fl-4:00pm - Quddiesa fiċ-ċimiterju li fiha jsir it-tberik tal-oqbra.
     *Ma jkollniex il-Quddiesa tal-5:30pm.*

     ***N.B. F'każ ta' maltemp il-quddiesa fiċ-ċimiterju tiġi postposta għall-Ħadd 18/11 fl-4:00pm. u minflokk ssir bħas-soltu il-quddiesa fil-knisja parrokkjali fil-5:30pm.***
   - Fir-rigward taċ-ċimiterju, ser tkun qed tinġabar ukoll il-kontribuzzjoni ta' € 15 biex intaffu l-ispejjeż marbuta mal-iskip relatata mat-tindif tal-oqbra, u mal-konsum tal-ilma u l-elettriku, li jkopru s-Sistema tal-Cameras tas-Sigurtà, u l-bozoz tal-fanali fuq l-oqbra, (li flimkien ma' wħud mill-holders jinbidlu minn żmien għal żmien) u jinxtegħlu kull filgħaxija matul is-sena. Napprezza wkoll il-ġenerożità tagħkom jekk toffru donazzjoni biex inkomplu ntaffu l-ispejjeż tal-manutenzjoni taċ-ċimiterju.
   - *Infakkar li matul dan ix-xahar ta' Novembru, tistgħu tiġu l-Uffiċċju Parrokkjali, fil-ħinijiet tiegħu - jiġifieri bejn id-9:00am u l-11:00am, u bejn l-4:30pm u s-6:00pm - biex tiktbu l-intenzjonijiet tal-Quddies għas-sena 2019 b'suffraġju għall-familjari, qraba, u ħbieb mejtin tagħkom.*

2. It-Tnejn 5/11:-
   - Fis-7:00pm - Quddiesa fis-Seminarju tal-Virtù li fiha s-Seminarista mill-Parroċċa tagħna, Tony Pace, flimkien ma' xi seminaristi oħra, ser jirċievi l-Ministeru tal-Akkolitat. Nawgurawlu u nitolbu għalih.

     *N.B. Ser norganizzaw it-trasport li jitlaq mill-Pjazza tal-Knisja fis-6:00pm. Min jixtieq jiġi, jinkiteb fis-Sagristija mill-aktar fis.*

3. It-Tlieta 6/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għall-Kappillani u għas-Saċerdoti mejtin.

4. L-Erbgħa 7/11:-
   - Fis-6:30pm - Quddiesa b'suffraġju għall-Fratelli u Sorelle Mejtin tas-Sagrament u tar-Rużarju.

5. Is-Sibt 10/11:
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tas-saċerdoti li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali ta' San Sebastjan, Ħal Qormi.

6. Avviżi oħra:-
   - Illum, mit-8:30am sas-1:00pm ser ikun hemm il-*Mobile Blood Donation Unit* quddiem il-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq biex min jixtieq ikun jista' jagħti d-demm. Professjonisti mid-Dipartiment tal-Kura Primarja ser joffru servizz ta' kejl ta' pressjoni u livell ta' zokkor fid-demm minn ġol-Berġa taż-Żurrieq. Dawk li bi ħsiebhom jagħmlu dan mitluba jieħdu magħhom il-karta tal-identità.
   - Mill-Erbgħa 07/11 sas-Sibt 10/11, l-Uffiċċju Parrokkjali ser ikun magħluq.
   - Il-*Malta Hospice Movement* bagħtu jirringrazzjaw lil dawk kollha li wrew apprezzament u taw donazzjoni fl-okkażjoni tal-*'World Hospice and Palliative Care Week'*, li fir-raħal tagħna laħqet it-€ 397.12.

7. Matul din il-ġimgħa daħlu:-
   - € 350 minn ħarġa li kellna din il-ġimgħa.
   - € 59 bħala donazzjonijiet b'risq il-Missjoni li nġabru mill-envelopes.
   - € 60 bħala donazzjonijiet b'risq il-manutenzjoni tal-knisja u l-proġetti ta' restawr.

   Grazzi.